# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. EDWINA GRIMA LL.D.**

**Seduta tat-30 ta' Settembru 2015**

**Appell Numru: 03/2014**

**GORDON GRISCTI li b'digriet tat-18 ta' Frar 2013 ghandu jidher bhala Gordon Grixti Fino**

**Vs**

**ST. PATRICKS SALESIANS SCHOOL**

Il-Qorti,

Rat id-decizjoni bin-numru 2268 deciza mit-Tribunal Industrijali fid-29 ta' Jannar 2014, fejn giet ipprounzjata is-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

*"Ic-Chairman:-*

***1. Introduzzjoni***

*Dan il-każ ġie intavolat permezz ta' rikors magħmul fit-8 ta' Novembru 2010 minn Nicholas Baldacchino tal-Union Ħaddiema Magħqudin f'isem Gordon Griscti li allega li fil-15 ta' Lulju 2010 dan kien ġie illegalment liċenżjat minn St Patricks Salesians School. Ir-Rikorrent kien assistit mill-UĦM u l-Avv Andrew Grima (sas-seba' seduta), mill-Avv Emmy Bezzina (sad-disa' seduta) u mill-Avv Mark Fenech Vella (sat-tlettax-il seduta). L-Iskola Intimata, li kienet assistita mill-Avv Ivan Gatt, innegat dan. Inżammu ħmistax-il seduta.*

*Ai termini tal-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 iċ-Chairman odjern jiddikjara li meta assenjawlu dan il-każ fi Frar 2013 wara r-riżenja taċ-Chairman preċedenti kienu ġa għaddew kważi sentejn mill-bidu tas-smiegħ perijodu li jeċċedi x-xahar li jippreskrivi l-istess Artikolu.*

***2. Fatti tal-Każ***

*Fil-15 ta' Lulju 2010 Gordon Griscti kien ġie illiċenżjat minn St Patricks Salesians School fejn kien jaħdem bħala teacher. Ir-raġuni mogħtija kienet insubordinazzjoni kontinwa, nuqqas da parti tar-Rikorrent li jikkoreġġi l-atteġġjament negattiv, kontroversjali u xejn konformi mar-regolamenti (Statement of Case tal-Iskola Intimata). Ir-Rikorrent jgħid li sofra numru ta' inġustizzji, f'forma ta'abbuż, umiljazzjoni u vittimizzazzjoni ċara. Jgħid ukoll illi ħassu tant imbeżżа' li għamel rapport lill-pulizija (Statement of Case tar-Rikorrent).*

***3. Konsiderazzjonijiet***

*It-Tribunal irid jinnota xi azzjonijiet li ttieħdu matul il-perkors ta' dan il-każ. Minn mindu ċ-Chairman odjern ġie assenjat dan il-każ ir-Rikorrent adotta strateġija li kellha bħala l-għan ewlieni tagħha r-rikuża ta' l-istess Chairman.*

*Minn Frar 2013 sal-għeluq ta'dan il-Kaz fit-22 ta' Jannar 2014 ir-Rikorrent intavola numru ta' Rikorsi (inklużi tnejn fis-16 ta' Jannar 2014), għamel żewġ protesti ġjudizzjarji, għamel rapport lill-Ombudsman u saħansitra ipprova jagħmel kwerela liċ-Chairman stess. L-iskop kien wieħed, dak li jġiegħel liċ-Chairman biex jirrikuża ruħu. Biex jissostanzja dan inqeda' b'ħafna allegazzjonijiet inveritieri, kalunji u invenzjonijiet frott tal-fantasija. Meta t-talbiet insistenti tiegħu ma ġewx milqgħuha huwa għamel bħal speċi ta' rikatt u iddikjara li kien se jagħmel strajk tal-ġuħ. Dan kollu qed jingħad mhux għax jimpinġi b'xi mod fuq il-ġudizzju li jrid isir iżda biex jiġi spjegat għaliex ir-Rikorrent ittraskura li jkompli bil-provi tiegħu u meta mitlub naqas li jġib il-provi kollha li kien fadallu u jagħmel it-trattazzjoni finali. Difatti l-uniku żewġ xhieda li tella' kien hu stess u in kontro-eżami lil Father Joe Portelli li kien Headmaster. Ix-xhieda tar-Rikorrent mogħtija fis-7 ta' Mejju 2012 tikkonsisti prinċipalment fi stqarrija bil-miktub fejn jistqarr li għandu żewġ dottorati mill-Università (Dok. C fol 3). Essenzjalment din l-istqarrija hija prospett ta' kif il-każ jista jiġi diskuss u konkluż barra mill-Qorti. L-Avukat tar-Rikorrent darbtejn ipprova jżommu milli jaqrah (Fol. 3 u 4) u ċ-Chairman ta' dak iż-żmien irrimarkalu li ma għandux jagħmel kummenti iżda li jagħti x-xhieda tiegħu. Dana kollu għalxejn għaliex baqa' biex qrah u ippreżenta kopja (Doc C) fl-atti tal-każ.*

*Dan it-Tribunal irid jara jekk il-liċenżjament tar-Rikorrent sarx għal raġuni ġusta u suffiċjenti. Il-piz tal-provi huwa a kariku tal-Iskola Intimata. Hija għandha l-obbligu li tipprova li l-liċenżjament sar skond il-liġi. Ir-Rikorrent mill-banda l-oħra, jekk irid, jirribatti dak li jiġi addebitat bih. U hawn tispikka*

*il-problema peress li provi sħaħ ir-Rikorrent ma ġabx. Analiżi kritika ta' dak li għandha xi tgħid l-iskola huwa għaldaqstant necessarju.*

*Father Charles Said Rettur tal-Iskola Intimata ta x-xhieda tieghu fil-21 ta' Marzu 2011.*

*Huwa ta spjegazzjoni tad-dokumentazzjoni li ġiet preżentata li tissostanzja l-ilmenti kollha dwar l-aġir ta' insubordinazzjoni u ta' sfida li kien juża r-Rikorrent.*

*Ix-xhieda ta' Father Jesmond Apap (3 ta' Ottubru 2011), li kien Assistant Head meta r-Rikorrent kien għadu jaħdem l-iskola, tagħti stampa tal-karattru u l-atteġġjament negattiv tar-Rikorrent. Isemmi inċident fejn suppost kien qiegħed jgħin fit-teatru u rrifjuta għax qal li mhux xogħolu. Avża lit-tfal mingħajr ma avża lis-superjuri tiegħu (fol 3-4). Iktar serju minn hekk kien hemm każ meta inġiebet persuna mill-Università biex tagħti xi training lit-teachers u dan f'daqqa waħda quddiem kulħadd beda' jiċċalenġjaha tant li din baqgħet imbellħa (fol 5-6). Hekk ukoll meta ċċalenġja lix-xhud, superjur tiegħu, quddiem kulħadd (fol 5). Kien hemm ukoll disgwid meta irrifjuta li jikkoreġġi esperimenti tal-laboratorju (fol 7). Darba wkoll tefa' kontenitur għal wieħed mit-tfal u għal ftit ma laqtux (fol 8). Ħaġa serja kienet li meta kien ikollu disgwid mas-superjur tiegħu kien jikteb patafflun karti u jibgħatom lil terzi persuni li ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-każ. Ix-xhud jgħid li "apparti li kienu każijiet li hu kien jagħwwiġhom, kien jivvinta stejjer ma nafx minn fejn ġabhom u kien jibgħatom lil terzi persuni anke meta xi darba kien ikun fihom materja sensittiva u delikata fuq it-tfal.....Kien qed jinsinwa affarijiet fuq it-tfal illi ma kienux qed jikkorrispondu mar-realtà" (fol 9). Naqas li jsegwi id-disciplinary policy tal-iskola u kien jivvinta sistemi tiegħu (fol 11). Għal dak li għandu*

*x'jaqsam ma' karti tal-eżami ma jimxix skond kif trid l-iskola (fol 12). Darba talab leave speċjali u Father Jesmond Apap tahulu. Imbagħad isib li nqeda' b'dan il-leave biex imur jagħmel rapport falz fuqu fl-għassa tas-Sliema għax qal li kien ħebb għalih (fol 14).*

*Father Apap jispiċċa ix-xhieda tiegħu billi jgħid li "s-sitwazzjoni tas-Sur Grixti kienet untenable, ma stajnix inżommuh iktar" (fol 14).*

*Ix-xhieda ta' Father Joe Portelli li kien Headmaster tal-iskola Intimata (seduta 14 ta' Novembru 2011) tpinġi wkoll stampa xejn sabieħa tar-Rikorrent. Dan jgħid li kellu tendenza li jmur tard u din qatt ma ssolvit (fol 3), kien iebes ħafna mat-tfal u ġieli tefalhom basket minn fuq għal isfel (fol 3). In kontro-eżami (seduta 27 ta' Novembru 2013) ix-xhud elabora iktar fuq il-fatt li r-Rikorrent kien jirrapporta tard għax-xogħol (fol. 8-9) u fil-fatt ġie mogħti warnings ukoll. Jgħid li kien jabbuża wkoll billi ma jifirmax kif jidħol għax kien jidħol tard "imbagħad qabel ma jitlaq jew l-għada jiffirmaha hekk kien jagħmel biex taparsi ara mbagħad jiffirma li ġie kmieni u ma jkun ġie xejn kmieni" (fol 23).*

*Jirriżulta lit-Tribunal li r-Rikorrent kien irċieva diversi twissijiet. Tnejn minnhom huma serji ħafna. Dawn huma Warning ta' Fr Charlie Said fil-21 ta' Diċembru 2009 u oħra ta' Fr. Jesmond Apap, Headmaster fit-22 ta' Ġunju 2010.*

*Il-provi li ġew preżentati quddiem it-Tribunal huma dokumentati u mogħtija bil-ġurament u għalhekk għandhom kredibiltà. Hija ħasra li r-Rikorrent ma usufruwiex ruħu biex jipprovdi l-provi tiegħu u jekk deherlu jikkontesta l-provi tal-Iskola Intimata.*

*It-Tribunal hu moralment konvint li l-effett kumulattiv ta' dak kollu li ġie addebitat bih ir-Rikorrent jammonta għal raġuni valida u suffiċjenti biex ingħata s-sanzjoni estrema ta' tkeċċija.*

***4. Deċiżjoni***

*It-Tribunal isib li l-liċenzjament tar-Rikorrent Gordon Grixti Fino minn mal-Iskola Intimata St Patricks Salesians School kien għal raġuni ġusta u suffiċjenti.'*

Bl-appell minnu introdott fil-konfront ta' din id-decizjoni, Gordon Grixti Fino ressaq is-segwenti aggravvji kemm fil-konfront tad-decizjoni appellata kif ukoll fil-konfront tad-digrieti moghtija mit-Tribunal datati 18 ta' Frar 2013, 8 ta' Marzu 2013, 5 ta' Gunju 2013, 8 ta' Jannar 2014 u dak tat-22 ta' Jannar 2014 u dana bis-segwenti lanjanzi:

1. illi preliminarjament id-decizjoni appellata inghatat b'mod null u irritu fil-ligi u dan in kwantu sabiex tinghata d-decizjoni, il-kawza ssejjhet qabel il-hin iffissat mit-Tribunal stess, u dan fuq talba tad-difensur tal-kontro-parti, minghajr ma l-esponent ma gie innotifikat bir-riappuntament tal-kawza u b'hekk l-esponenti ma deherx ghas-smigh ta'l-istess.

2. illi d-digrieti tat-18 ta' Frar 2013 u tat-08 ta' Mazru 2013, safejn cahdu t-talba tal-kjamata fil-kawza tal-persuni ta' Father Charles Said, rettur ta'l-iskola intimata, ta' Father Jesmond Apap fil-kariga ta' Head Master tal-istess skola u tad-Delegat Provincjal Father Paul Formosa in rapprezentanza tal-Komunita tas-Salezjani ta' Don Bosco f'Malta ghandhom jigu imhassra u it-talbiet relattivi milqugha sija ghaliex id-

digriet moghti huwa nieqes minn kwalsiasi xorta ta' motivazzjoni u sija ghaliex fil-mertu tali kjamata kienet necessarja ghall-integrita ta'l-atti.

3. Illi d-digrieti tal-5 ta' Gunju 2013, tat-08 ta' Jannar 2014 u tat-22 ta' Jannar 2014 safejn jichdu t-talba ghar-rikuza tac-Chairman u jordnaw l-isfilz tar-rikorsi stess, ghandhom jigu imhassra, u dan billi l-istess rikorsi kienu gustifikati abbazi ta'l-artikolu 734(1)(c) tal-Kapitolu 12.

4. Illi ghalhekk l-appellanti ma inghatax smiegh xieraq skont il-ligi u ghalhekk ghandha tithassar id-decizjoni finali u s-smigh jitkompla quddiem Tribunal diversament kompost.

Illi qabel kull konsiderazzjoni ohra dwar s-singoli aggravji prospettati mill-appellanti, din il-Qorti necessarjament in linja ma' dak stabbilit fil-ligi trid tara jekk l-appell interpost huwiex ammissibbli u dan ghaliex appell minn decizjoni moghtija mit-Tribunal Industrijali huwa ammissibbli jekk din ikun fiha vjolazzjoni jew applikazzjoni falza ta' punt jew principju ta' dritt u dana bi ksur ta' dak li jipprovdi l-artikolu 82(3) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Hu principju ripetutament affermat minn din il-Qorti illi l-punt ta' ligi li jirrendi ammissibbli l-impunjattiva tas-sentenza moghtija mit-Tribunal adit, jew, del resto wkoll, minn tribunali jew bordijiet ohra fejn id-dritt ta' l-appell hu hekk limitat ghal "punt ta' ligi", irid ikun dak ta' vjolazzjoni jew ta' applikazzjoni falza tal-punt ta' dritt. Fi kliem iehor, l-aggravju jrid jippostula sew l-allegazzjoni esplicita tal-punt ta' dritt applikat fir-rigward ta' l-elementi tal-provi accertati, u mhux, sempliciment, kif inhu l-kaz ukoll hawnhekk, proponibbli f'kollegament mad-deduzzjoni illi t-Tribunal ma ghamelx indagini sewwa tal-kawza tal-licenzjament."** (App.Inf Kenneth Vella vs Seabank Catering Co.Ltd deciza 23/05/2008)

Illi l-appellanti fl-impunjattiva imressqa minnu ghal gudizzju ta' din il-qorti ta' revizjoni essenjzalment ma jattakka l-ebda punt ta' dritt imqanqal fid-decizjoni impunjata, izda jilmenta minn ksur ta' principju ta' gustizzja naturali meta jallega illi fid-decizjonijiet moghtija kemm fid-digrieti hemmhekk indikati kif ukoll fis-sentenza finali huwa ma giex moghti is-smiegh xieraq skont il-ligi. Dan ghaliex huwa gie imcahhad milli isejjah fil-kawza ghall-integrita tal-gudizzju diversi nies in rappresentanza ta'l-iskola fejn huwa kien impjegat kif ukoll ghaliex l-aggudikatur seta' kellu kunflitt ta' interess u kwindi din affettwat l-imparzjalita' tieghu meta wasal ghad-decizjoni fuq il-kaz. Illi l-appellanti ma iressaq l-ebda aggravvju in konnessjoni mas-sustanza tad-decizjoni u dwar jekk l-istess applikatx b'mod korrett il-principji ta' dritt li jirregolaw it-tilwim industrijali. Inoltre jattakka is-sentenza impunjata bhala wahda nulla billi inghatat mhux fil-hin pre-stabbilit u notifikat lilu, izda iktar kmieni, biex b'hekk huwa ma kienx prezenti meta l-istess inqrat fil-miftuh.

Illi l-appellanti qieghed jikkontendi illi d-decizjoni impunjata hija nulla 'il ghaliex fil-jum prefiss mit-Tribunal ghall-ghoti tad-decizjoni din inghatat qabel il-hin pre-stabbilit u kwindi hu ma kienx prezenti ghas-smiegh ta'l-istess. Illi mill-verbal tas-seduta jidher illi huwa minnu li l-kaz isejjah qabel il-hin u dan ghaliex id-difensur ta'l-intimat informa lit-Tribunal li kien impenjat fuq xoghol iehor fil-Qorti. L-appellanti gie imsejjah diversi drabi izda baqa' ma deherx u c-Chairman tat-Tribunal ghadda sabiex qara id-decizjoni. L-appellanti isostni illi b'konsegwenza ta' dan il-fatt huwa sar jaf li l-kaz kien gie deciz jumejn tax-xoghol qabel ma inghalaq it-terminu ta'l-appell u ghalhekk ma kienx f'posizzjoni ihejji difiza adegwata. Dan ifisser allura illi huwa kien gie innotifikat bid-data meta inghatat id-decizjoni u allura ghalkemm ma kienx

prezenti fil-mument illi d-decizjoni inqrat bil-miftuh, madanakollu kellu kull opportunita illi jitlob kopja tas-sentenza sahansitra sa mil-jum meta inghatat. Jekk huwa baqa' inattiv ghaz-zmien kollu li fih beda jiddekorri t-terminu ghall-prezentata ta'l-appell minn din id-decizjoni, dan ghandu wiegeb ghalih huwa biss u ma jistax jattakka l-validita ta' sentenza semplicement ghaliex din inqrat qabel il-hin pre-stabbilit u innotifikat lilu. Illi inghad in tema ta' nullita ta'l-atti gudizzjarji u decizjonijiet tal-qrati illi:

**"In-nullitajiet jistghu jkunu jew dikjarati "expressis verbis" jew le. Bhala regola generali, il-ligijiet u d-dottrina, u l-ligi taghna in partikolari, ma jiffavorux in-nullitajiet; anzi jippropendu kemm jista' jkun ghat-tezi tal-validita' tal-att li jkun hemm diskussjoni fuqu.[1]."**

Illi l-ligi tal-procedura fl-artikolu 128 u 129 tistabbilixxi dawk l-elementi mehtiega ghall-validita tal-gudizzju meta jinghad illi:

**"Fis-sentenza għandhom qabel xejn jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-qorti tkun ibbażat id-deċiżjoni tagħha, u għandu jkun hemm fiha wkoll riferenza għall-proċedimenti, għat-talbiet tal-attur u għall-eċċezzjonijiet tal-konvenut.**

**Kull dikjarazzjoni li l-qorti trid li tkun deċiżiva jew obbligatorja, għandha tiġi mdaħħla fid-dispożitiv."**

Fuq kollox, izda il-ligi stess tistabilixxi il-parametri ta' lanjanza imressqa mill-parti aggravata dwar in-nullita tad-decizjoni impunjata meta fl-artikolu 790 jinghad espressament:

**"Meta quddiem qorti fi grad ta' appell tinġieb 'il quddiem eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata, dik l-eċċezzjoni ma għandhiex tintlaqa' jekk is-sentenza tkun ġusta fis-sustanza tagħha, ħlief jekk l-eċċezzjoni tkun ibbażata fuq nuqqas ta' ġurisdizzjoni**

[1] Carmelo Cassar Parnis vs Gustavo Soler noe deciza fil-11.03.49 – (Vol. XXXII. II. p 344)

**jew fuq nuqqas ta' ċitazzjoni, jew fuq illeġittimità ta' persuna jew fuq li s-sentenza tal-ewwel qorti hija *extra petita* jew *ultra petita* jew fuq kull difett ieħor li jippreġudika l-jedd ta' smigħ xieraq."**

Maghdud dan allura huwa bil-wisq evdienti illi l-aggravvju imressaq mill-appellanti fejn jattakka il-validita tad-decizjoni impunjata semplicement ghaliex din issejjhet qabel il-waqt ma hijiex imsejsa fuq l-ebda disposizzjoni ta'dritt u dan billi ir-raguni moghtija ma hijiex wahda minn dawk inkwadrati fil-ligi u lanqas ma jista jinghad illi dan il-fatt wahdu seta' ipreggudikalu id-dritt tieghu ghal smiegh xieraq billi kif inghad huwa ma jallegax illi d-decizjoni inghatat minghajr ma kien infurmat ghaldaqstant, ghaliex giet moghtija fil-jum prefiss u notifikat lill-partijiet. Ghal dawn il-motivi dan l-aggravvju qed jigi respint.

Illi fl-aggravvji l-ohra sollevati mill-appellanti, huwa jallega illi ma giex moghti smiegh xieraq ghal diversi mottivi u cioe' ghaliex ma thalliex isejjah fil-gudizzju xi nies rappresentanti ta'l-iskola appellata kif ukoll ghaliex l-aggudikatur kellu kunflitt ta' interess billi kien jokkupa karigi gholja fi hdan istutuzzjonijiet immexxija mill-Knisja u cioe' il ghaliex kien f'xi zmien jokkupa il-kariga ta' direttur tal-APS Bank Ltd kif ukoll kien direttur ta'l-istazzjoni tar-radju tal-Knisja RTK. Jallega ukoll illi x'aktarx kien qarib ta' Dun Effie Masini, direttur tal-Oratorju tas-Salezjani f'Ghawdex.

Illi fir-rigward ta' din l-ahhar impunjattiva, huwa l-artikolu 76(1) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta li jispecifika ir-ragunijiet li fihom tista' issir ir-rikuza jew l-astensjoni bhala wahda minn dawk ic-cirkostanzi imsemmija fl-artikolu 734 tal-Kapitolu 12. Illi dan il-punt gie superjorment mistharreg recentement mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'digriet moghti fl-10 ta' Marzu 2015 meta inghad:

**"Illi l-Qorti tagħraf li tabilħaqq ir-raġunijiet li għalihom ġudikant jista' jiġi rikużat milli jkompli jisma' kawża huma biss dawk li l-liġi nnifisha ssemmi u, f'każijiet eċċezzjonali, raġunijiet oħrajn serji li jwasslu bħala xierqa u f'posthom ("conveniente") tali astensjoni jew rikuża . L-istitut tar-rikuża jew tal-astensjoni huwa maħsub biex iħares l-aħjar interessi tal-ġustizzja, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-jedd ta' smigħ xieraq b'mod imparzjali u kif ukoll it-tisħiħ tal-fiduċja pubblika fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Dan il-prinċipju jsib applikazzjoni akbar fil-qafas ta' kawża ta' natura kostituzzjonali. Illi minbarra dan, l-istitut tar-rikuża jew l-astensjoni tal-ġudikant jinbena fuq il-presuppost li l-ġudikant li quddiemu titressaq kawża la huwa parzjali u lanqas korrott u li fuq kollox huwa d-dmir tiegħu u mhux sempliċi privileġġ jew favur li huwa jisma' u jaqta' kull kawża li titressaq quddiemu.**

**.... Illi f'dan ir-rigward tajjeb jingħad li biex raġuni twassal għall-astensjoni jew għar-rikuża ta' ġudikant <u>din trid tkun waħda konkreta u mhux biss mistħajla</u>. B'mod partikolari ingħad li "il-liġi ma tridx li, sempliċement għax parti jew oħra f'kawża 'tħoss' jew 'jidhrilha' li ġudikant jista' jkun parzjali, allura dak il-ġudikant għandu ma jiħux konjizzjoni ta' dik il-kawża. Apparti l-obbligu li l-liġi timponi fuq il-ġudikant li joqgħod f'kull kawża li tiġi lilu assenjata skond il-liġi u li jastjeni jew jilqa' l-eċċezzjoni tar-rikuża fil-każijiet biss fejn ikun legalment ġustifikat li huwa ma jkomplix jieħu konjizzjoni ta' dik il-kawża, mhux kull 'ħsieb' ta' parzjalita' li jista' talvolta jgħaddi minn moħħ parti jew oħra, jista' jingħad li huwa 'oġġettivament ġustifikat'. It-test oġġettiv ta' l-imparzjalita', anke kif mifhum mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem jirrikjedi li jkun hemm <u>bażi oġġettivament riskontrabbli</u>"** [2].

Maghdud dan allura ma hemmx dubbju illi l-allegazzjonijiet imressqa 'il quddiem mill-appellanti ma humiex oggettivament gustifikati. Illi ibda biex ghalkemm jidher illi l-aggudikatur kien f'xi zmien jokkupa il-karigi indikati mill-appellanti, madanakollu ma jidhirx illi dawn b'xi mod kellhom xi konnessjoni ma'l-iskola appellanti u kwindi tali oggezzjoni maghmula mill-

[2] Lawrence Grech et vs Carmelo Pulis

appellanti ma tistax titqies illi hija oggettivament riskontrabbli. Dan huwa imfisser car fid-digriet moghti mit-Tribunal tat-22 ta' Jannar 2014 fejn ic-Chairman sedenti jispjega fid-dettal ir-ragunijiet 'il ghala ma jirrikorrux ic-cirkostanzi indikati fil-ligi fl-artikolu 734 tal-Kapitolu 12 ghar-rikuza tieghu. Inoltre ma jidhirx illi kien hemm xi nuqqas minn naha tal-aggudikatur tali illi jistghu jaghtu xi indikazzjoni illi huwa kien qed jimxi b'mod parzjali jew ingustifikat. Illi l-appellanti ma giex imcahhda milli iressaq id-difiza tieghu u l-provi in konnessjoni ma'l-istess. Anzi jidher mill-atti illi gew iffissati diversi seduti li fihom l-appellanti inghata l-opportunita li iressaq il-provi kollha tieghu in sostenn tal-kaz minnu imressaq quddiem it-Tribunal. In-nuqqas minn naha tieghu illi jaghmel dan ma jistax jissarraf f'xi dubbju dwar l-imparzjalita tal-aggudikatur. Il-fatt illi kaz ikollu ezitu negattiv ghal xi parti, ma ifissirx, *per konsegwenza*, illi l-aggudikatur kien ippregudikat fil-konfront ta' dik il-parti. Il-Qorti hija tal-fehma illi f'dan il-kaz ma jezistux ic-cirkostanzi imsemmija fl-artikolu 734 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li kellha twassal ghar-rikuza tal-aggudikatur, dan ghaliex l-allegazzjoni maghmula mill-appellanti ma hijiex ibbazata fuq fatti oggettivament riskontrabbli. Fil-fatt wahda mill-allegazzjonijiet tieghu hija sahansitra ibbazata fuq mera supposizzjoni jew hsieb u mhux fuq fatti ippruvati. Ghal dawn il-motivi ghalhekk anke dan l-aggravvju qed jigi michud.

Illi jifdal l-ahhar ilment imressaq 'il quddiem mill-appellanti dwar ic-cahda tat-talba tieghu mit-Tribunal illi isejjah fil-kawza lill-persuni ta' Father Charles Said, rettur ta'l-iskola intimata, ta' Father Jesmond Apap fil-kariga ta' Head Master tal-istess skola u tad-Delegat Provincjal Father Paul Formosa in rapprezentanza tal-Komunita tas-Salezjani ta' Don Bosco f'Malta. Illi l-Qorti

ezaminat it-talbiet imressqa 'il quddiem mill-appellanti in konnessjoni mas-sejha fil-kawza tan-nies indikati minnu u jirrizulta illi tali talba saret sabiex l-imsemmija persuni iwiegbu fil-vesti taghhom personali ghall-allegati danni subiti minnu in konnessjoni mat-tkeccija tieghu minn fuq il-post tax-xoghol. Illi l-azzjoni ghandha fl-ewwel lok tigi istitwita kontra dawk il-persuni jew dik l-entita' li maghhom l-impjegat ikun iffirma kuntratt ta' impjieg. Dan ghaliex l-artikolu 75(1) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta espressament jistipula illi it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklużiva li jikkunsidra u jiddeċiedi l-kazijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta, fejn  allura ir-rimedju huwa dak ikkontemplat fl-artikolu 81 meta jinghad:

**"Meta fuq ilment ta' tkeċċija inġusta mibgħut litTribunal skont l-artikolu 75, it-Tribunal - (a) isib li r-raġunijiet tal-ilment ikunu bbażati tajjeb, u (b) fuq talba speċifika ta' min jagħmel l-ilment biex jerġa' jidħol fl-impieg tiegħu jew jerġa' jiġi impjegat mill-prinċipal, magħmula fir-referta jew fid-dikjarazzjoni dwar il-każ, it-Tribunal jidhirlu li jkun prattikabbli u skont l-ekwità li minn jagħmel l-ilment, jerġa' jidħol fl-impieg tiegħu jew jerġa' jiġi impjegat mill-prinċipal, it-Tribunal għandu jagħmel ordni f'dak issens, fejn jagħti l-kondizzjonijiet li taħthom jidhirlu xieraq li min jagħmel l-ilment għandu jerġa' jidħol fl-impieg tiegħu jew jerġa' jiġi impjegat:**

**Meta, fuq ilment magħmul skont l-arikolu 75, it-Tribunal isib li r-raġunijiet għall-ilment ikunu bbażati tajjeb - (a) f'każi ta' tkeċċija mingħajr kawża ġusta, jekk ma jkunx hemm talba speċifika biex jerġa' jidħol flimpieg jew jerġa' jiġi impjegat, jew it-Tribunal jiddeċiedi li ma għandux jagħmel ordni biex jerġa' jidħol fl-impieg jew jerġa' jiġi impjegat kif intqal qabel, it-Tribunal għandu jagħti sentenza ta' kumpens, li għandha titħallas mill-prinċipal lil min jagħmel lilment, rigward it-tkeċċija: Iżda, meta jistabbilixxi l-ammont ta' dak il-kumpens it-Tribunal għandu jqis id-danni reali u telfien li jkun bata l-ħaddiem li jkun ġie imkeċċi mingħajr kawża ġusta kif ukoll ċirkostanzi oħra, inklużi l-età u s-snajja tal-ħaddiem li jistgħu jaffettwaw il-potenzjal tal-impieg ta' dak il-ħaddiem."**

Huwa l-obbligu tal-principal jew ta' min ihaddem u li mieghu l-impjegat ikollu kuntratt ta' impjieg li jipprovdi dana ir-rimedju. Nies ohra li ghalkemm jokkupa xi kariga mal-entita li toffri l-impjieg ma ghandhom l-ebda setgha li jakkordaw tali rimedju impost mit-Tribunal ma ghandhomx ikunu parti fil-kaz ghaliex jonqos l-utilita' ghall-istess biex iwiegbu ghall-ilment imressaq 'il quddiem mill-appellanti. Kif gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet "M. Libreri – vs – E. Staines noe" (Prim' Awla, 29 ta' Ottubru 1935 (Koll Vol XXIX-11-706) ), "il-kjamata-in-kawza hija kostitwita mill-interess tal-persuna li ghandha d-dover li tordnaha. L-interess hu dak stess rikjest biex tigi proposta azzjoni jew biex tista' tigi opposta kontestazzjoni". Fuq kollox:

**"L-istitut tal-kjamata fil-kawza jaqdi diversi funzjonijiet procedurali, principalment: (a) dak li jintegra gudizzju fejn ikun hemm diversi konvenuti li jkollhom jigu mharrka u xi whud minnhom jithallew barra.**

**(b) Dak li jissalvagwardja d-drittijiet ta' min ikun indirettament interessat fl-ewwel azzjoni gudizzjarja u li aktarx ggib warajha azzjoni ohra bhala konsegwenza taghha.[3]"**

Applikat ghall-kaz in ezami, dan l-insenjament juri li gjaldarba ma jissussistiex l-interess guridiku tal-persuni li taghhom qed tintalab is-sejha fil-kawza, din ma hijiex wahda necessarja billi l-persuna ta'l-intimat indikata mill-appellanti meta intavola il-kaz tieghu quddiem it-Tribunal huwa sufficjenti biex huwa jinghata r-rimedju imfittex. Illi di piu' l-appellanti lanqas ma jindika il-mottiv u in-necessita tat-talba minnu imressqa hlief li dawn in-nies jistghu ikunu soggetti ghal kundanna ghal hlas ta' danni fil-konfront tieghu. Kwindi tonqos l-utilita

[3] Booker Alexander noe vs Camenzuli Joseph App. Sup. 05/10/2001

tal-kjamati fil-kawza u ghal dan il-mottiv, it-talba ta'l-appellanti hija wahda ingustifikata. Ghaldaqstant it-Tribunal gustament cahad din it-talba u il-Qorti ma tara l-ebda raguni 'il ghala ghandha titbieghed minn din il-fehma.

Illi l-appellanti ma iressaq l-ebda aggravvji ohra in konnessjoni mad-decizjoni moghtija mit-Tribunal ghajr ghal dawn l-allegati nuqqasijiet procedurali li jallega li kellhom effett fuq id-dritt tieghu ghal smiegh xieraq.

Ghaldaqstant ghal motivi surriferiti l-aggravvji imressqa mill-appellanti ma humiex gustifikati u qed jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur